MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 417/2008

Anthony **BONAVIA**, Joseph Bonavia u b'degriet tal-21 ta' April, 2009 l-atti gew trasfuzi f'isem Carmen Porter, Marianne Zammit u Antonia sive Antoinette Muscat minhabba l-mewt fil-mori tal-kawza ta' Joseph Bonavia. Dr Carmel Galea Bonavia, Maria Rosner u Joanne Depares.

vs

Charles **BIANCO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' April, 2008, li bih l-atturi għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti:

a. Issib li l-imharrek qieghed jokkupa porzjon ta' art li taghti fi Triq Santa Marija, Birkirkara, bla ebda titolu legali;

b. Tordna lill-imharrek johrog 'il barra mill-imsemmija art fiz-zmien qasir u parentorju li joghgobha taghtih. Talbu wkoll l-ispejjez;

Rat illi minkejja li kien notifikat kif imiss bl-atti tar-Rikors Mahluf, l-intimat naqas li jressaq Twegiba fiz-zmien moghti lilu mil-ligi u b'hekk waqa' kontumaci;

Rat ix-xhieda mressqa mill-atturi bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet taghha tal-10 ta' Gunju, 2009 li bih il-Qorti tat zmien lill-imharrek biex iressaq Nota ta' Osservazzjonijiet ghall-finijiet tal-artikolu 158 (10) tal-Kap 12;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigh tal-lum mill-konvenut li biha ammetta it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Mahluf, liema nota ggib ukoll il-firma tal-avukat tal-atturi;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotta fir-Rikors Mahluf jirrizultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti l-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** ta' l-atturi u tiddikjara li hu qed izomm l-art mertu tal-kaz bla ma ghandu l-ebda jedd jew titolu tajjeb ghaliha fil-ligi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tordna lill-imharrek biex johrog 'il barra mill-art imsemmija u jroddha lura lill-atturi bhala hielsa minn kull ingombru, u dan sa mhux aktar tard mit-tletin (30) ta' Ottubru, 2009;

**Tikkundanna** lill-imharrek ihallas **l-ispejjeż kollha tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------